**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 361/2016**

**RA**

**vs**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**(C2833)**

**Seduta tal-14 ta' Gunju 2017**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn fil-qosor l-ilmentatur jghid li hu wiret lil ziju u huwa wkoll ezekutur testamentarju tal-wirt ta' zitu li tinkludi *fixed deposit accounts* li kienu mal-*Bank of Valletta*.

Jghid ukoll li f'Marzu 2010,[1] kellu jaghlaq sitt *term deposit accounts* li kienu taz-zija tieghu, XXXX, u kellu jqassam il-flus lil 13-il legatarju u istituzzjonijiet. Huwa kellu jaghlaq il-kontijiet u, filwaqt li l-*HSBC* ghalquhomlu u tawh l-imghax sad-data tal-gheluq, il-*Bank of Valletta* m'ghamilx dan.

Huwa jghid li l-*Bank of Valletta* naqsu ghaliex, filwaqt li gew ikkwotati lilu klawsoli sitta u sebgha tat-*Terms and Conditions*, xorta l-Bank seta' tah l-imghax.

Huwa jghid li fic-cirkostanzi tal-kaz, il-Bank ma ttrattahx b'mod gust.

Ghalhekk qed jitlob li jigi mhallas lilu l-interessi kollha sad-data tal-gheluq fl-ammont ta' erba' mija tnejn u ghoxrin ewro u sebghin centezmu.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz fejn tghid:**

[1] A fol 12

Tesponi u teccepixxi reverentement:

1. Illi preliminarjament l-ilmentatur, RA, proprio u cioè fil-kwalità tieghu kif intavola dan l-ilment ma ghandux interess guridiku f'dan l-ilment stante li l-lanjanza li jressaq tispetta semmai u kieku kienet infondata, lill-eredità li huwa jirrapprezenta bhala Ezekutur Testamentarju u cioè, fil-kwalità tieghu nomine u mhux dik proprju; ghalhekk l-esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi, subordinatament imma dejjem in via preliminari l-ilment hawn fuq imsemmi huwa preskritt bil-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-ilment huwa msejjes fuq l-inveritier stante illi kuntrarjament ghal dak li qed jipprova jallega l-ilmentatur, ma hemm ebda dikjarazzjoni tal-*Malta Financial Services Authority ("MFSA")* li tobbliga jew tissuggerixxi lill-esponenti biex thallas is-somma ta' imghax reklamata mill-ilmentatur. In fatti tant hu hekk, li fl-ittra mibghuta mill-*MFSA* jidher li huma kienu sodisfatti bil-livell ta' informazzjoni liloom moghtija mill-esponenti, tant li din il-materja skont l-*MFSA* setghet tinghalaq;

4. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-esponenti zammet mal-parametri ta' diskrezzjoni taghha meta gharrfet li galadarba l-kontijiet gew maghluq kmieni allura, l-imghax ghaz-zmien minn meta immaturaw l-ahhar il-*fixed deposit accounts* sad-data tal-istess gheluq, kellu jintilef. Fil-fatt il-pozizzjoni tal-esponenti kienet cara sa mill-bidu nett. Il-fatt li l-mewt tqieset bhala *exceptional circumstance* ma jnaqqasx id-diskrezzjoni tal-esponenti. Din hija diskrezzjoni li tippossjedi l-esponenti skont it-"*Terms and Conditions"* tat-*Term Deposit Accounts* u, cioè, partikolarment izda mhux esklussivament il-klawzola relevanti li tghid,

   "Withdrawals from or deposits to the Account prior to maturity are not allowed, save in exceptional circumstances, at the discretion of the Bank, and, if allowed, may be subject to further conditions. In particular, where

the Bank permits partial withdrawals or closure of an Account prior to maturity, interest may be reduced, in whole or in part";

5. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, huwa fatt konstatat illi legat huwa dejn fuq l-eredità li ghandu jithallas mill-eredi jew, jekk kemm-il darba jkun il-kaz, mill-ezekutur testamentarju. Illi huwa imbaghad a scelta tal-eredi jew tal-ezekutur testamentarju li jiddeciedu/jiddeciedi, fl-ahjar interess tal-eredità, minn fejn ghandu jithallas dak il-legat. Fil-kaz *de quo*, l-ilmentatur, RA, bhala ezekutur testamentarju, ma kellu ebda obbligu li jhallas il-legati li kienu johorgu mill-eredità, billi jaghlaq prematurament il-*fixed deposit accounts* li huma s-suggett tal-ilment *de quo.* Huwa proprju ghalhekk li ghandu jigi sottolinejat li l-ghazla tal-ilmentatur li jitlob lill-Bank jaghlaq, qabel il-maturità taghhom, dawn il-kontijiet kienet proprju dik – ghazla! Ma kien hemm ebda obbligu jew kostringiment impellenti fuqu li kien jisforzah jirtira l-fondi minn dawn il-*fixed deposit accounts.* Huwa kontrosens u ingust, illi l-ilmentatur jipprova jiehu xi forma ta' vantagg fuq ghazla li, *del resto*, ghamel hu stess! Dan jidher aktar ingust fl-isfond tal-fatti fejn kif gia imsemmi iktar 'il fuq, l-esponenti dejjem kienet cara fil-korrispondenza taghha mal-ilmentatur bhala ezekutur testamentarju u dejjem imxiet mat-termini hekk kif delinejati fit-*Terms and Conditions* tal-*fixed term deposit accounts*. L-esponenti qatt ma ndahlet fi kwalunkwe decizoni li seta' ha u fil-fatt ha l-ilmentatur, RA, bhala ezekutur testamentarju, u ghalhekk jekk hemm xi hadd li ghandu jaddossa r-responsabbiltà ghall-azzjonijiet li saru fl-ezekutorija ta' din l-eredità ghandu jkun biss dak li ha d-decizjonijiet, u cioè, l-ilmentatur RA;

6. Illi, fir-retroxxena fuq imsemmija, jigi umilment sottomess illi l-Bank gab ruhu b'mod korrett u segwa l-prassi kummercjali accettata in materja (*qui suo iure utitur neminem videtur damnum facere*).

L-esponenti tixtieq umilment tirriserva illi tressaq provi orali u dokumetari ulterjuri, kif ukoll sottomissjonijiet kemm orali u kif ukoll bil-miktub, waqt is-seduti quddiem is-Sinjorija Tieghu l-Arbitru, sabiex issostni l-posizzjoni taghha fuq imsemmija.

Ghar-ragunijiet suesposti, l-esponenti umilment tissottometti illi t-talbiet tal-ilmentatur ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra tieghu.

**Sema' lill-partijiet,**

**Ra d-dokumenti kollha tal-kaz,**

**Jikkonsidra:**

L-ewwel eccezzjoni tirrigwarda l-interess guridiku tal-ilmentatur. Jirrizulta li l-ilmentatur, apparti li huwa ezekutur testamentarju, huwa wkoll eredi kif inhu indikat mill-ilmentatur a fol 42 tal-process, liema prova mhix kontradetta. Apparti dan, Edith Cachia, *Head Customer Service Centre,* kienet infurmat lil *Consumer Complaints Unit* tal-*MFSA* li:

*"Any legacy bequeathed by a deceased person represents a debt on an estate and must therefore be settled by the heirs (or* ***executor of the estate****),*[2] *the heirs are still bound by the terms and conditions of the product or service subscribed to by the deceased account holder."*

Dan ifisser li l-Bank jirrikonoxxi wkoll lill-ezekuturi testamentarji.

Ghal dawn ir-ragunijiet, u peress li l-iskop ta' dan l-ilment huwa wiehed reali, attwali, personali u li jista' jwassal ghal vantagg pekunjarju tal-ilmentatur, l-Arbitru qed jichad din l-eccezzjoni.

**Eccezzjoni dwar preskrizzjoni**

Il-provditur tas-servizz jaghti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili.

Dwar il-preskrizzjoni il-Qrati taghna stabbilew diversi regoli sabiex jitfghu dawl fuq dak li jipprovdi l-Kodici Civili dwar dan l-istitut.

L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, jekk tigi milqugha, jkun ifisser li l-kaz ikollu jieqaf u ghalhekk tkun qed tittermina l-kaz. Proprju minhabba f'hekk li l-ligi, u anke l-gurisprudenza, jridu li qabel xejn min jallega l-preskrizzjoni jrid jippruvaha.

---

[2] Ittri *bold* mill-Arbitru

L-eccezzjoni moghtija tirreferi ghall-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 li jipprovdi li l-preskrizzjoni ta' hames snin tapplika ghal:

*"… azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku."*

Dan il-kaz jinkwadra f'din il-preskrizzjoni ghaliex hija rizultat ta' tranzazzjoni kummercjali u qieghda ssir ghall-hlas ta' kreditu pretiz.

Ghalhekk, l-Arbitru jrid jikkunsidra jekk dan il-kaz hux preskritt ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili.

Meta tkellmu dwar il-preskrizzjoni, il-Qrati taghna, anke a bazi ghal dak li jipprovdi l-istess Kodici Civili, stabbilew parametri legali kif il-preskrizzjoni ghandha tigi interpretata u applikata, fosthom illi:

1. Min jallega l-preskrizzjoni jrid jippruvaha:

Kif inghad fis-sentenza moghtija fl-ismijiet '*Stencil Pave (Malta) Limited* vs Dr. Maria Deguara noe,[3]

*"Hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmieri li ghadda z-zmien jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq;"*

**2.** Hu stabbilit fil-gurisprudenza illi min iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju.[4]

---

[3] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 ta' Ottubru 2003

[4] Holland noe vs Chetcuti , QA, – 25 ta' Frar 2000)

Sinjifikanti f'dan ir-rigward huwa dak li qalet **il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-4 ta' Dicembru 1987, fil-kawza "Causon vs Sheibani noe", illi:-**

***"Min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f`posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le";***

3. Il-perjodu tal-preskrizzjoni jibda jghodd minn meta min jipproponi kaz, ikun jista' jezercita dik l-azzjoni;

Dan johrog car mill-Artikolu 2137 tal-Kap. 16, li jipprovdi li:

***"Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss."***

F'dan il-kaz jirrizulta, kemm minn dokumenti esebiti mill-ilmentatur, kif ukoll minn ohrajn esebiti mill-provditur tas-servizz, illi l-ilmentatur kien ghalaq is-sitt kontijiet in kwistjoni f'Marzu 2010.[5]

Fl-ittra tieghu tat-3 t'Awwissu 2016, li kiteb il-provditur tas-servizz lill-ilmentatur[6] jghidlu hekk:

"*The Bank has reviewed your case. According to our records the Bank released the six Term Deposit Accounts listed in your letter, prior to maturity. The total balance of €134,139 was paid out on the* ***10 March 2010***,[7] *on consideration that death was an exceptional circumstance."*

Ghalhekk, mhemmx dubju li l-ilmentatur seta' ghamel l-azzjoni minn dik id-data.

L-Arbitru m'ghandu l-ebda prova li l-ilmentatur interrompa l-preskrizzjoni b'xi att gudizzjarju.

---

[5] A fol 12

[6] A fol 10

[7] Kliem maghmulin *bold* mill-Arbitru.

L-ilmentatur kien ha l-kaz tieghu quddiem il-*Consumer Complaints Unit* tal-*MFSA*, però dan ukoll ma jinterrompix il-preskrizzjoni.

L-emenda fil-Kodici Civili dwar interruzzjoni ta' preskrizzjoni quddiem entità *ADR* dahlet f'Ottubru 2015, u, ghalhekk, ma tapplikax ghall-kaz in kwistjoni.

Mill-10 ta' Marzu 2010, meta setghet saret l-azzjoni sal-prezentata tal-ilment fil-25 t'Ottubru 2016, ghaddew aktar minn hames snin.

Ghalhekk, l-azzjoni hija preskritta. Il-Kap. 555[8] jipprovdi li :

*"Izda wkoll xejn f'dan l-Att ma ghandu jinftiehem bhala li qed jaghti xi setgha lill-Arbitru li jaghti decizjoni dwar talba li tkun waqghet bi preskrizzjoni skont il-ligi meta l-parti investigata tqajjem eccezzjoni tal-preskrizzjoni."*

Ghalhekk l-Arbitru ikollu jieqaf hawn.

Peress li l-ewwel eccezzjoni giet michuda, u anke minhabba n-novità ta' dawn il-proceduri, kull parti ghandha ggorr l-ispejjez taghha.

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji

[8] Art 19(3)(e) Proviso